# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 11 ta' Marzu, 2002**

**Numru**

**Avviz numru: 61/02mm**

**Data-Byte Computer Services Ltd**

**vs**

**Gaetano Debattista u Debattista Holdings Limited**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elfejn, erba' mija u tletin lira Maltin (Lm2,430.00)

rapprezentanti import ta’ tmintax-il (18) kambjala ta’ Lm135 il-wahda, debitament accettati u skaduti minn Lulju, 1999, sa’ Dicembru, 2000, rispettivament u mhux imhallsa, li gew annessi u numerati 1 sa’ 18 konsekuttivament.

Bl-imghax legali mill-iskadenza ta’ kull kambjala li sal-31 ta’ Dicembru, 2001, jammontaw ghal Lm348.71, oltre l-imgahx ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tat-18 ta’ Settembru, 2001, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet ta’ l-attur sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma dehrux, la fl-4 ta’ Marzu, 2002, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenuti.